Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Numru 1257/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
vs

**CARMELO AMATO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmelo Amato ta' 73 sena, ta' nazzjonalita' Taljana, iben Orazio u Concetta Toganchi imwieled Catania l-Italja fil-5 ta' Ottubru 1934 detentur ta' passaport nru AH2713557 u residenti nru 136, The Strand, Gzira.

Billi gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Novembru 2006 ghal-habta ta 11.10Hrs, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew

b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed igorr pipe tal-plastika fuq il-van bin-numru tar registrazzjoni AAQ365 KIA Ceri,, fi triq Il-Bon Consil gewwa z-Zejtun naqas li jorbot sew l-istess pipe u bil-konsegwenza ta' dan, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Horace Galea, miz-Zejtun, liema offiza iggib mankament jew sfregju, jew feriti perdurata fil-ghonq, kif iccertifika Dr. A.Portelli MD (2180) tac-centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, bi ksur tal-art. 226 (1), tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AJ3 u nnutat li l-imputat Carmelo Amato m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Dan il-kaz jirrigwarda akkuza migjuba kontra l-imputat Carmelo Amato li tinkwadra ruhha fl-artikolu 226(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-incident mertu ta' din il-kawza Horace Galea, anzjan, sofra griehi ta' natura gravi.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Horace Galea, li fis-Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008 qal: "Nghid illi fl-1 ta' Novembru, 2006 jiena kont qieghed bil-wieqfa fuq il-bankina gewwa Triq Mater Buoni Consiglii, Zejtun u dana nghid ghall-habta tal-hdax ta' filghodu. Innutajt van gej. Jiena innutajtu l-ewwel darba qisu xi ghaxart idjar il-boghod. Jiena innutajt illi dan il-van kellu fuqu pipe li jiena innutajtu beda jperper. Dan kien pipe ta' l-erba' pulzieri. Kif il-van wasal quddiemi jiena ingbidt lura u wara ftit jien sibt ruhi ma' l-art. U imbghad gew biex jigbruni n-nies. Jiena sofrejt griehi u ittehidt ukoll gewwa l-poliklinika u kellhom isiruli erba' u ghoxrin (24) punt fuqi. Nixtieq nghid illi jiena qabel ma spiccajt ma' l-art smajt hoss pero' imbghad in kwatu x'gara u kif jiena spiccajt ma' l-art, dina kienet haga li qaluli haddiehor. Nghid illi ix-xufier kien baqa' sejjer u kienu waqqfuh in-

nies. Nghid in kwantu fil-fazi meta jiena spiccajt biex waqajt ma' l-art, kien hemm hin li jiena momentarjament intlift, pero' imbghad il-bqija qomt u kont f'sensija. Jiena bhala stat ta' fatt lil tal-van rajtu baqa' sejjer bil-van. Nixtieq nghid illi jiena meta rajt il-van gej, innutajt illi dik il-pipe li kien hemm kien beda jperper. Jiena nghid illi meta jiena imbghad qomt mill-art bhala stat ta' fatt ma rajt l-ebda bicciet ta' pipe ma l-art u nixtieq nghid illi jiena pero' dak il-hin kont ghadni naqra stordut. Jiena spiccajt bil-qmis imqatta' u b'demm ukoll fuqi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Horace Galea il-Qorti sejra senjatament taghmel referenza ghll-brani mid-deposizzjoni ta' Dr. Alexandra Baldacchino MD li fis-Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008, inter alia, qalet: "Qieghda nigi murija id-dokument AJ 4 li jinsab a fol erbatax (14) tal-process. Nikkonferma li dan huwa certifikat mediku minni rilaxxat."
". . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . ." "Nghid illi l-griehi sofferti mill-pazjent Horace Galea li jiena invistajt, bhala griehi ta' natura gravi. Nghid illi dan il-pazjent kellu hafna griehi u naghmel referenza b'mod specjali ghal ferita li dana kellu go ghonqu illi dana kellu suture scan fuq barra u kemm fuq gewwa u il-pozizzjoni ta' din il-ferita tirrendi din il-ferita bhala wahda gravi.

Nghid apparti li l-ferita li Horace Galea kellu f'ghonqu kellu ohra ferita f'xofftu u kellu ukoll grif fuq wiccu u jidher ukoll li kellu feriti f'idejh. Nghid ukoll li inkwantu ghall-feriti fl-ghonq u fuq ix-xufftejn tal-pazjent, Horace Galea, dawn jiena ikklasifikajthom bhala feriti gravi. Irrimanenti tal-feriti kienu ta' natura hafifa." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Rose Gatt li fis-Seduta tad-29 ta' Mejju, 2007 qalet: "Nghid illi fl-1 ta' Novembru 2006 jien kont qeghda fil-bieb tar-residenza tieghi u jien noqghod gewwa Triq l-Bon Consil Zejtun u nghid ghal habta ta' xi l-hdax ta' filghodu (11am) rajt lil Horace Galea li kien qieghed jistenna lil mara tieghu gejja bil-karozza minn gol-garaxx. Nghid illi Horace kien qieghed bejn il-Berga u l-arblu tad-dawl u jien sadanittant rajt vann abjad gej jigri u nghid illi

dan kellu katusa li kellha wisa’ ta’ erba’ (4) pulzieri u nnutajt li din il-katusa bidet ticcaqlaq min-naha ghall-ohra tal-vann u nghid ukoll illi din il-katusa ma kenitx marbuta. Nghid illi f’daqqa wahda dan il-vann ta’ kulur abjad ghadda jigri u imbaghad innutajt illi taht il-Berga kien hemm Horace Galea mixhut ma’ l-art. Jien qsamt u mort nigri u jien sadanittant bdejt nghid zommuh, zommuh ghaliex ix-xufier tal-vann l-abjad baqa’ sejjer imbaghad kienu hargu hafna pulizija u grew ghal wara l-vann u lahquh u zammewh hemmhekk. Nixtieq inzid nghid illi jien il-katusa kont rajtha ittir minn gol-vann u nghid illi l-katusa spiccat hdejn il-karozza tal-pulizija. Nghid illi u hawnhekk nixtieq nippreciza illi jien meta rajt il-katusa ittir nghid illi jien fil-fatt nixtieq nippreciza illi jien meta rajt il-katusa ittir jien rajt illi bicca minn dil-katusa inqatghet mill-bqija tal-katusa u din taret ghal go ghonq u wicc Horace Galea u dan jien rajtu. Nixtieq nghid illi jien min kien qieghed isuq dan il-vann l-abjad ma kontx rajtu. Jien meta rajt li Horace Galea jaqa’ fl-art innutajt li dan kellu d-demm f’ghonqu, f’wiccu w anke f’idejh. Nghid illi tant dan is-sewwieq tal-vann l-abjad kien qed isuq bi speed eccessiv illi fil-fatt il-katusa bidet titbandal min-naha ghall-ohra tal-vann u l-vann ukoll tant kien ghaddej bi speed li spiccat li l-katusa habtet ma’ l-arblu u l-vann fil-fatt baqa’ sejjer u kienu l-pulizija li waqqfuh. Nghid illi hawnhekk nixtieq nispjega illi l-katusa fil-fatt inqasmet meta kienet ghadha parti minnha gewwa l-vann u parti minnha minn barra u meta laqtet ma’ l-arblu u ghalhekk parti minnha imbaghad spiccat fuq ghonq u wicc Horace Galea u l-parti l-ohra spiccat hdejn il-karozza tal-pulizija.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni li Rose Gatt tat in kontinwazzjoni fis-Seduta tad-29 ta’ Mejju, 2007:
“Qed nigi murija r-ritratt Dok JPA 1 u nghid illi l-kanna li jien rajt ittir din kienet habtet ma dan l-arblu l-kbir li jidher f’dan ir-ritratt.”
“. . . . . . . . . . . . .” “Nghid illi l-katusa li kien hemm f’dan il-vann l-abjad ghalija ma kenitx marbuta. Fil-fatt nghid illi jien effettivament rajt din il-katusa tigri min-naha ghall-ohra tal-vann. Nghid illi din il-katusa qabel ma taret kienet qeghda sserrah fuq il-kaxxa tal-vann u kienet qisha

<u>xi erba’ (4) pulzieri ‘l barra mill-kaxxa tal-vann.</u>” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra ticcita brani mid-deposizzjoni tal-imputat Carmelo Amato minn jeddu fis-Seduta tal-4 ta’ Novembru, 2010, fejn l-imputat, inter alia, qal: “Nghid illi fl-1 ta’ Novembru 2006 waqt li jien kont qieghed insuq, jiena kont qieghed insuq van zghir u jiena kont qieghed iz-Zejtun cioe’ fit-triq Mater Boni Consigli, fil-fatt ma genb l-Ghassa tal-Pulizija. Nghid illi meta kont qieghed hdejn l-Ghassa tal-Pulizija waqa’ tubu mill-vann tieghi. Nghid dan it-tubu waqa’ ma’ l-art u mbaghad dan it-tubu spicca biex laqat ragel anzjan.” “. . . . . . . . . . . . . .” “Nghid illi jiena kont qieghed insuq verament bil-mod u nghid illi minhabba l-hotob li kien hemm fit-triq minn fejn kelli nghaddi din bilfors wiehed ikun irid isuq bil-mod.” “. . . . . . . . . . . . . . . . . . .”
“<u>Jiena ma kontx rajt lil Maria Baldacchino torbot it-tubu gewwa l-van pero’ nghid meta dina dahlet gewwa l-van jien kont saqsejtha jekk kinitx rabtet it-tubu. Nghid illi jiena mbaghad din Maria Baldacchino irrispondietni li kienet rabtitu t-tubu</u>. Nghid jiena ma nziltx mill-vann biex immur niccekja jekk il-van kienx gie effettivament marbut. Dana ghaliex dan it-tubu kien tubu hafif hafna.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani moghtija mix-xhud Maria Grima Baldacchino fis-Seduta tal-4 ta’ Novembru, 2008:

“Nghid illi fl-1 ta’ Novembru 2006 ghal habta tal-11:15 ta’ filghodu jiena kont qeghda ma’ l-imputat Carmelo Amato li qed naghrfu prezenti fl-Awla. Nghid ahna konna qeghdin bil-van Kia propjeta’ tieghi.”
“. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .”
“Nghid jiena irbatt dana l-pipe bil-habel mal-frame tal-hadid tal-kaxxa u <u>ma jidhirliex illi dana l-pipe sporga ‘l barra mill-kaxxa.”</u>

<u>“Jidhirli dan qaghad preciz it-tul tal-kaxxa.”</u>

“. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .”

“Nghid illi l-imputat f’dana il-vjagg fl-ebda hin ma saq xi speed qawwi.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro ezami l-istess xhud Maria Grima Baldacchino, fl-istess Seduta, inter alia, qalet: “Jiena l-uniku spjegazzjoni li nhoss li nista’ naghti dwar l-akkadut huwa li l-pipe kien tal-plastik, il-habel kien tan-nylon u allura zelaq minn gol-habel tan-nylon.” “. . . . . . . . . . . . . . . . . . .” “L-imputat ma kienx saqsieni jekk il-habel kontx irbattu.” Nghid illi l-imputat kien jaf illi jiena xtrajt il-pipe ghaliex propju dakinhar waqafna biex nixtru l-pipe. Jiena ma kontx staqsejt lil imputat biex imur jiccekja l-mod kif kont irbatt il-pipe. Nghid qabel ma beda jsuq l-imputat ma harigx jiccekkja kif kien marbut il-pipe”. (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrimarka li fid-deposizzjoni tieghu l-imputat (Ara supra) kien, inter alia, qal: “Jiena ma kontx rajt lil Maria Baldacchino torbot it-tubu gewwa l-van pero nghid meta dina dahlet gewwa l-van jien kont saqsejtha jekk kinitx rabtet it-tubu. Nghid illi jiena mbaghad din Maria Baldacchino irrispondietni li kienet rabtitu t-tubu”, mentri ix-xhud Maria Grima Baldacchino, in kontro-ezami (Ara supra), inter alia, qalet: “L-imputat ma kienx saqsieni jekk il-habel kontx irbattu.”

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti l-akkuza migjuba kontra l-imputat Carmelo Amato giet sufficjentement ippruvata. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza partikolari ghal dak li xehdet ix-xhud Rose Gatt. Din ix-xhud okulari tat deskrizzjoni pjuttost dettaljata ta’ dak li rat u mid-dinamika ta’ kif gara’ l-incident kif spjegat l-imsemmija xhud, li l-Qorti tikkunsidra bhala wahda kredibbli, jemergi b’mod car li l-imputat wera negligenza meta saq bi speed eccessiv u ma hax il-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi partikolari li kien fihom bir-riskju li l-pipe li kien hemm wara fil-vann seta’ jtir il-barra u jikkawza incident, kif fil-fatt avvera ruhu. Ghaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-abbli difensur fit-trattazzjoni li dan il-kaz si tratta ta’ casus.

Rat l-artikoli 226(1)(b) u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, issib lill-imputat Carmelo Amato hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat tikkundanna lill-imputat Carmelo Amato ghall-piena ta’ elf u erba’ mitt Euro ( Euro 1400) multa.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Carmelo Amato milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur millum.

Finalment, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Carmelo Amato ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ dsatax il-Euro u disa’ u sebghin centezmi ta’ Euro (Euro 19.79) bhala spejjes inkorsi f’din il-kawza ta’ traduzzjoni tad-dokument Dok AJ5 mill-lingwa Taljana ghall-lingwa Maltija bin-nomina ta’ Dr Daniela Mangion.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------